



Brussell, it-12 ta' Mejju 2020
REV1 – tissostitwixxi l-avviż bid-data
tat-23 ta' Jannar 2018

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-PROTEZZJONI TAL- ANNIMALI WAQT IL-QATLA

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"¹. Il-Ftehim dwar il-Hruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020³. Sa din id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih⁴.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinneqozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li b'mod partikolari jipprevedi għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, ma hemmx ċertezza dwar jekk hux se jsir ftehim bħal dan u jekk hux se jidħol fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li, f'dak li għandu x'jaqşam mal-kundizzjonijiet tal-aċċess għas-suq, se tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,⁵ fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali applikabbli wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ir-regoli applikabbli fl-Irlanda ta' Fuq wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti B hawn taħt).

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż li mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU C 29, 31.1.2020, p. 7 ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

³ Qabel l-1 ta' Lulju 2020 il-perjodu ta' tranżizzjoni jista' jiġi estiż darba b'sena jew sentejn (l-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). Sa issa l-Gvern tar-Renju Unit eskluđa tali estensjoni.

⁴ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁵ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprevidix kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonossiment reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. U ftehim ta' kummerċ ħieles lanqas ma jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, fosthom dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

Sabiex jindirizzaw il-konsegwenzi spjegati f'dan l-avviż, l-operaturi tal-biċċeriji qegħdin jingħataw il-parir partikolari li jiżguraw li l-persuni rilevanti jkollhom iċ-ċertifikati ta' kompetenza rilevanti maħruġa minn Stat Membru tal-UE.

A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla⁶ ma jibqax japplika għar-Renju Unit⁷. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

1. ĊERTIFIKATI TA' KOMPETENZA

Skont ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009 ċertifikat ta' kompetenza huwa obligatorju għal:

- Il-persuni li jwettqu ċerti operazzjonijiet f'biċċerija, l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009;
- Il-persuni li jissorveljaw il-qtil tal-annimali tal-pil, l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009;
- L-uffiċjali tal-benessri tal-annimali, l-Artikolu 17(4) tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009.

Iċ-ċertifikati ta' kompetenza li jingħataw mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit, jew minn korp maħtur mir-Renju Unit skont l-Artikolu 21 tar-Regolament, ma jibqgħux validi fl-UE wara tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

2. OPERATORI TAL-BIĊĊERIJI

Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009, ir-regoli dwar il-benessri tal-annimali stipulati fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament, u r-rekwiżiti addizzjonali applikabbli għall-biċċeriji stipulati fil-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament japplikaw għall-importazzjonijiet ukoll.

Il-konformità mar-rekwiżiti li tal-anqas ikunu ekwivalenti għal dawk stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1099/2009 trid tkun iċċertifikata fiċ-ċertifikat tas-saħħa li jakkumpanja l-laħam importat.

Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, dan ir-rekwiżit japplika għal-laħam importat mir-Renju Unit lejn l-UE.

⁶ ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1.

⁷ Dwar l-applikabbiltà tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1099/2009 għall-Irlanda ta' Fuq, ara l-Parti B ta' dan l-avviż.

B. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.⁸ Il-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa 4 snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.⁹

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq tiġi ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru.¹⁰

Il-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq jipprevedi li r-Regolament (KE) Nru 1099/2009 japplika għar-Renju Unit u fih, fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq¹¹.

Dan ifisser li r-referenzi għall-UE fil-Parti A ta' dan l-Avviż għandhom jinftiehem bħala li jinkludu l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehem li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost l-oħrajn, dan li ġej:

- Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009 japplika għall-qtil ta' annimali fl-Irlanda ta' Fuq;
- Il-laħam trasportat mill-Irlanda ta' Fuq lejn l-UE ma għandux għalfejn jikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009 dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-laħam importat (ara t-Taqsima A.2 ta' dan l-avviż);
- Il-laħam trasportat mill-Gran Brittanja lejn l-Irlanda ta' Fuq għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009 dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-laħam importat (ara t-Taqsima A.2 ta' dan l-avviż);
- Il-biċċeriji fl-Irlanda ta' Fuq iridu jiġu approvati b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1099/2009.

Madankollu, il-Protokoll tal-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibbiltà li, fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit

- jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fit-tfassil tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni¹²;

⁸ L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

⁹ L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁰ L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll tal-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

¹¹ L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq u t-Taqsima 40 tal-Anness 2 ta' dan il-Protokoll.

- jinvoka l-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini jew ir-rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati jew approvazzjonijiet maħruġa fl-Irlanda ta' Fuq,¹³ soġġett għal eċċezzjonijiet.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost l-oħrajn, dan li ġej:

- Ċertifikat ta' kompetenza li jinħareġ minn kwalunkwe Stat Membru tal-UE jkun validu fir-Renju Unit fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq;
- Ċertifikat ta' kompetenza maħruġ mir-Renju Unit fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq ma jkunx validu fi Stat Membru tal-UE¹⁴;
- Ċertifikati ta' kompetenza maħruġ mir-Renju Unit fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq ikun validu fl-Irlanda ta' Fuq biss¹⁵;
- Approvazzjoni ta' biċċerija fl-Irlanda ta' Fuq mill-awtoritajiet tar-Renju Unit tiġi rikonoxxuta fl-UE¹⁶.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar ir-regoli tal-UE rigward il-benessri tal-annimali (https://ec.europa.eu/food/animals/welfare_en) jagħti informazzjoni ġenerali dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE applikabbli għall-benessri tal-annimali. Dawn il-paġni jiġu aġġornati b'aktar informazzjoni fejn ikun meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari

¹² Meta jkun hemm il-ħtieġa li jsir skambju ta' informazzjoni jew issir konsultazzjoni reċiproka, dawn se jsiru fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll tal-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

¹³ L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁴ L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁵ It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁶ It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.